MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 381/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Omissis**

Kumpilazzjoni Nru: 381/2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis.
Akkuzat talli

a) Nhar l-11 ta’ Settembru, 2008, ghal habta tal-5:00 ta’ filghaxija, ikkommetta serq ta’ mutur ta’ l-ghamla Piaggio, mudell Typhoon u bin-numru tar-registrazzjoni WIN 800 u liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

b) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq mutur ta’ l-ghamla Piaggio, mudell Typhoon u bin-numru tar-registrazzjoni WIN 800, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan.
c) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq mutur ta’ l-ghamla Piaggio, mudell Typhoon u bin-numru tar-registrazzjoni WIN 800, meta ma kienx kopert b’polza ta’ l-assigurazzjoni.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex barra tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mall-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 37, 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni u l-partijiet qablu li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma preskritti.

Rat li l-imputat kkonferma l-ammissjoni fil-konfront ta’ l-ewwel imputazzjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew nhar il-11 ta’ Settembru 2008. Ic-citazzjoni giet prezentata fis-7 ta’ Marzu 2011 cioe wara s-sentejn stipulati f’l-artikolu 688 tal-Kapitolu 9 ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u wara s-sitt xhur stipulati f’l-artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104

ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni. Ghalhekk jirrizulta li dawn iz-zewg imputazzjonijiet huma preskritti.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reat ta' serq li tieghu qed jinstab hati l-imputat jista' facilment jigi definit bhala *furto d'uso*. Fattur iehor relevanti huwa l-eta ta'l-imputat meta gie kommess dan ir-reat; huwa kien ghadu minorenni. Jidher ukoll li dan ta' llum huwa l-uniku reat li kkommetta l-imputat stante l-fedina penali tieghu hija netta. In oltre huwa kkopera mal-pulizija u ammetta l-imputazzjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi dwar it-talba tal-prosekuzzjoni biex il-Qorti tapplika l-artikolu 533 fil-konfront ta'l-imputat ghandu jigi rilevat li l-inkjesta li l-atti taghha gew esebieti fil-proceduri odjerni kellha tinzamm minhabba l-mewt ta' Ismael Frendo. Ghalkemm il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri hargu fil-berah fil-kors ta' dik l-inkjesta l-Qorti hija tal-fehma li l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra ta'l-esperti f'dik l-inkjesta m'ghandhomx jigu addebietati lill-imputat odjern stante li huwa estranju ghall-mertu ta' dik l-inkjesta u cioe il-mewt ta' Ismael Frendo.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara t-tieni u t-tielet imputazzjoni preskritti, wara li rat l-artikoli 37, 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Ghar-ragunijiet fuq indikati l-Qorti qed tichad it-talba biex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------